

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-13 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Social n° 3 de Barcelona – Spanja) – Antonio Márquez Samohano vs Universitat Pompeu Fabra

(Kawża C-190/13) ⁽¹⁾

(Politika soċjali — Direttiva 1999/70/KE — Ftehim qafas dwar xogħol għal żmien determinat konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP — Universitajiet — Għalliema assoċjati — Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi — Klawżola 5(1) — Miżuri li huma intiżi li jipprevjenu l-użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien determinat — Kunċett ta' "raġunijiet oġġettivi" li jiġġustifikaw tali kuntratti — Klawżola 3 — Kunċett ta' "kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat" — Sanzjonijiet — Dritt għal kumpens — Differenza fit-trattament bejn ħaddiema għal żmien indeterminat)

(2014/C 135/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Social n° 3 de Barcelona

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Antonio Márquez Samohano

Konvenuta: Universitat Pompeu Fabra

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Juzgado de lo Social n. 3 de Barcelona – Interpretazzjoni tal-Klawżoli 3 u 5 tal-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368) – Kuntratti ta' xogħol konklużi mal-amministrazzjoni pubblika – Professuri tal-università – Assenza ta' miżuri li huma intiżi li jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi

Dispożittiv

Il-Klawżola 5 tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP, għandha tiġi interpretata fis-sens li din ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tippermetti lill-universitajiet li jwettqu tiġdidiet tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi ma' għalliema assoċjati, mingħajr ebda limitu f'dak li jikkonċerna t-tul massimu u n-numru ta' tiġdidiet ta' dawn il-kuntratti, peress li tali kuntratti huma ġġustifikati minn raġuni oġġettivi, fis-sens tal-paragrafu 1(a) ta' din il-klawżola, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Madankollu, hija wkoll din il-qorti li għandha tivverifika b'mod konkret li, fil-kawża prinċipali, it-tiġdid tal-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi inkwistjoni effettivament kien intiż li jkopri bżonnijiet provviżorji u li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma ntużatx, fil-fatt, sabiex tissodisfa bżonnijiet permanenti u li jdumu fiż-żmien fil-qasam tar-reklutaġġ ta' persunal li jgħalliem.

⁽¹⁾ ĠU C 189, 29.06.2013.